



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 11 ta' Mejju 2012 (14.05)
(OR. en)**

9864/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0103 (NLE)**

**EEE 51
MI 326
AGRI 299**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	10 ta' Mejju 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 208 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) ta' mal-Ftehim taż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 208 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.5.2012
COM(2012) 208 final

2012/0103 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE
dwar emenda għall-Anness II
(Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni)
ta' mal-Ftehim taż-ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità li huma meħtieġa fis-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) ta' mal-Ftehim taż-ŻEE.

B'mod aktar konkret, din l-emenda għandha l-għan li tinkorpora r-Regolament (KE) Nru 764/2008 li jstabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor; ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u d-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti.

Huwa propost adattament relatat mal-Liechtenstein fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 764/2008. Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 97/2007 eżentat lil-Liechtenstein mill-applikazzjoni tal-Anness I, tal-Kapitoli XII u XXVII tal-Anness II u tal-Protokoll 47 tal-Ftehim taż-ŻEE, sakemm il-Ftehim dwar l-Agrikoltura bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Svizzera japplika għal-Liechtenstein. Għalhekk il-Liechtenstein jixtieq li jiġi eżentat mir-Regolament (KE) Nru 764/2008 għal dawk il-prodotti.

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, il-Liechtenstein ikollu l-possibilità li jirrikorri għall-korp ta' akkreditament tal-Isvizzera għas-setturi tal-prodotti koperti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità u li fir-rigward tagħhom ir-rekwiżiti tal-UE u dawk Svizzeri jkunu meqjusa bħala ekwivalenti skont l-Artikolu 1(2) u (3) ta' dak il-Ftehim. Barra minn hekk, għall-prodotti li joriġinaw fiż-ŻEE u li huma esportati mil-Liechtenstein għal Stat taż-ŻEE ieħor, jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-prodotti jiġu ċċekkjati fuq il-fruntiera sabiex ikun żgurat li huma jkunu konformi mal-leġislazzjoni taż-ŻEE, minħabba l-unjoni reġjonali tal-Liechtenstein mal-Isvizzera, fejn il-Liechtenstein seta' applika regolamenti tekniċi u standards Svizzeri.

Fir-rigward tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, ladarba d-Deċiżjoni tirreferi għal leġislazzjoni futura, it-test propost jissottolinja l-fatt li r-relevanza għaż-ŻEE tal-atti legali kollha hija kkunsidrata individwalment, u li l-inkorporazzjoni ta' att wieħed hija mingħajr ħsara għall-inkorporazzjoni ta' oħrajn.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
dwar emenda għall-Anness II
(Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni)
ta' mal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(2), 114(1) u 207(2), flimkien ma' 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 339/93 għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tistabbilixxi prinċipji komuni u dispożizzjonijiet ta' referenza għal leġislazzjoni futura li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, kif ukoll test ta' referenza għal-leġislazzjoni eżistenti.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6 [Mhux disponibbli bil-Malti].

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li hi inkorporata fil-Ftehim u għalhekk għandha tkun irrevokata skont il-Ftehim.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, li hu inkorporat fil-Ftehim u għalhekk għandu jkun irrevokat skont il-Ftehim.
- (7) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE li hi inkorporata fil-Ftehim u għalhekk għandha tkun irrevokata skont il-Ftehim.
- (8) Għalhekk, l-Anness II ta' mal-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (9) Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) ta' mal-Ftehim taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ABBOZZ TA'
DEĊIŻJONI Nru .../2012 TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

ta'

li te menda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, ittestjar u ċertifikazzjoni)
ta' mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II ta' mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru ... ta'...¹.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE² għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 339/93³ għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE⁴ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tistabbilixxi prinċipji komuni u dispożizzjonijiet ta' referenza għal leġislazzjoni tal-ġejjieni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, kif ukoll test ta' referenza għal-leġislazzjoni eżistenti.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ li hi inkorporata fil-Ftehim u għalhekk għandha tkun irrevokata skont il-Ftehim.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93⁶, li hu inkorporat fil-Ftehim u għalhekk għandu jkun irrevokat skont il-Ftehim.

¹ ĠU L ...
² ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21.
³ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.
⁴ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.
⁵ ĠU L 321, 30.12.1995, p. 1.

- (8) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE⁷ li hi inkorporata fil-Ftehim u għalhekk għandha tkun irrevokata skont il-Ftehim.
- (9) Għalhekk, l-Anness II ta' mal-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XIX ta' l-Anness II ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej

1. It-test tal-punt 3b (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93) ikun sostitwit b'dan li ġej:

‘32008 R 0765: Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li jirrevoka ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Dan li ġej huwa miżjud fit-tmiem ta' l-Artikolu 4(2):

“Il-Liechtenstein jirrikorri wkoll għall-korp nazzjonali ta' akkreditament tal-Isvizzera għas-setturi tal-prodotti koperti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità u li fir-rigward tagħhom r-rekwiżiti tal-UE u dawk Svizzeri huma meqjusa bħala ekwivalenti skont l-Artikolu 1(2) u (3) ta' dak il-Ftehim”.

- (b) Il-prodotti esportati mil-Liechtenstein għall-Partijiet Kontraenti l-oħra jistgħu jkunu soġġetti għall-kontrolli fuq il-fruntiera skont l-Artikoli 27-29.’

2. It-test tal-punt 3d (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

‘32008 D 0768: Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).’

3. It-test tal-punt 3f (id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

‘32008 R 0764: Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21).

⁶ ĠU L 40, 17.2.1993, p. 1.

⁷ ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Ir-Regolament japplika biss għall-prodotti koperti mill-Artikolu 8(3) tal-Ftehim.

Ir-Regolament ma japplikax għal-Liechtenstein fir-rigward ta' prodotti koperti mill-Anness I, mill-Kapitoli XII u XXVII tal-Anness II u mill-Protokoll 47 tal-Ftehim, sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein.'

4. Dan li ġej jiddaħħal fil-punt 3h (id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

‘, kif emendat permezz ta':

- **32008 R 0765**: Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 (ĠU L 218, 13.8.2008. p. 30).'

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 764/2008 u Nru 765/2008 u tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fi , sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [No constitutional requirements indicated.] [Constitutional requirements indicated.]